MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1373/1984/1

**Francis S. Carbone fil-kwalita tieghu ta' Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, ghan-nom, fl-interess u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta`; u b' nota ta' l-20 ta' Gunju 1990 Lawrence Ciantar assuma l-atti tal-kawza bhala c-Chairman prezenti tal-Korporazzjoni attrici minflok Francis S. Carbone**

**Vs**

**Bart Attard u Henry Attard fil-kwalita taghhom ta' diretturi ta' Panta Lesco Limited, ghan-nom, fl-interess u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta`; u b' digriet ta' l-24 ta' Gunju 1991 gie kjamat in kawza Farid Farhat ghan-nom u in rapprezentanza tal-Libyan Arab Foreign Investment Company bhala proprjetarja tal-Germa Palace Hotel; u b' nota tad-29 ta' Jannar 1992, Abdallah Abouiaski El Fergani assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Libyan Arab Foreign Investment Company minflok Farid Farhat li jinsab assenti minn Malta**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-12 ta’ Ottubru 1984 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi d-ditta konvenuta kienet talbet lill-attur *nomine* sabiex iwahhlilha zewg tankijiet ta’ LPG ta’ hames (5) tunnellati il-wiehed u dan fil-Germa Palace Hotel;

Premess illi qabel ma accetta din it-talba, l-attur *nomine* talab kwotazzjonijiet barra minn Malta dwar il-prezz ta’ dawn iz-zewg tankijiet;

Premess illi fit-23 ta’ Dicembru 1980, l-Enemalta irceviet il-prezz ghal dawn iz-zewg tankijiet mis-Socjeta` Maxim s. r. l. ta’ Torino, Italja, u dan fl-ammont ta’ sitt elef lira Maltija (Lm6000) u liema ammont gie debitament komunikat lill-konvenuti *nomine*;

Premess illi fuq talba ta’ l-istess konvenuti *nomine* l-attur *nomine* kkonferma l-ordni lis-socjeta` estera hawn fuq imsemmija fl-4 ta’ Frar 1981;

Premess illi fl-14 ta’ April 1981, l-attur *nomine* ircieva t-tankijiet mis-socjeta` estera, izda, minflok dawn ma kienu ta’ kapacita ta’ hames tunnellati il-wiehed, kienu ta’ kapacita ta’ zewg tunnellati u nofs il-wiehed;

Premess illi minhabba f’ hekk l-attur *nomine* ikkomunika mad-ditta estera u din infurmatu illi fil-fatt il-prezz ghal zewg tankijiet tal-hames tunnellati kellu jkun ta’ mitejn u hamsin fil-mija (250%) aktar ghal kull tank ta’ aktar minn zewg tunnellati u nofs;

Premess illi minhabba fl-urgenza biex tiftah il-Germa Palace Hotel, tpoggew iz-zewg tankijiet ta’ zewg tunnellati u nofs il-wiehed u wara li saru l-kalkoli mehtiega, l-attur *nomine* ddebita lill-konvenuti *nomine* bl-ammont ta’

hamest elef, mija u sittin lira Maltija (Lm5160), prezz ta' tank wiehed ta' hames tunnellati ghal zewg tankijiet ta' zewg tunnellati u nofs u ghalhekk irrifonda lill-konvenuti *nomine* bis-somma ta' tmien mija u erbghin lira (Lm840) li kienet id-differenza bejn is-somma ta' Lm6000 li l-konvenuti *nomine* kienu ddepozitaw ghand l-attur *nomine* u l-prezz ta' tank wiehed ta' 5 tunnellati li kien jiswa Lm5160;

Premess illi ghalhekk l-attur *nomine* fis-27 ta' Settembru 1982, ghalaq il-kont illi kellu mal-konvenuti *nomine*;

Premess illi fid-29 ta' Settembru 1982, is-socjeta` konvenuta talbet li jigi mwahhal it-tieni tank ta' 5 tunnellati;

Premess illi wara li dan it-tank ta' 5 tunnellati gie mpoggi fil-Germa Palace Hotel, fil-11 ta' Awissu, 1983, l-attur *nomine* baghat il-kont ta' kemm sewa dan it-tank lis-socjeta` konvenuta u dan fl-ammont ta' erbat elef, sitt mija u sebgha u hamsin lira (Lm4657);

Premess illi s-socjeta` konvenuta qeghdha tirrifjuta li thallas dan l-ammont u qed taccetta biss li thallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm840 u dan permezz ta' ittra tas-17 ta' Awissu 1983;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jhallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' erbat elef sitt mija u sebgha u hamsin lira u hamsin centezmu (Lm4657.50) spejjez ta' tank ta' LPG ta' hames tunnellati li l-attur *nomine* pogga fil-Germa Palace Hotel fuq inkarigu tal-konvenuti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' l-10 ta' Awissu 1984, kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* pprezentata fit-8 ta' Novembru 1984, li permezz taghha huma eccepew:-

Illi t-talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-eccipjenti kienu ordnaw minghand l-attur zewg tankijiet tal-LPG tal-hames tunnellati il-wiehed inkluzi l-accessorji taghhom kollha u dana bil-prezz komplessiv ta' Lm6000 liema ordni giet accettata u ghaliha l-eccipjenti hallas bil-quddiem l-ammont miftiehem kif mitlub mill-attur;

Illi in segwitu l-attur jew is-*suppliers* tieghu hadu zball u issa l-attur minhabba dan l-izball qed jippretendi hlas ulterjuri li ghalih ma kellu ebda dritt;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Frar 1985 li permezz tieghu gie nominat bhala perit gudizzjaru Dr. Stephen Thake biex ifittex u jirrelata dwar id-domanda attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz; kif ukoll id-digriet ta' l-4 ta' Gunju 1986 li permezz tieghu l-imsemmi Dr. Stephen Thake gie sostitwit b' Dr. Joseph Zammit McKeon bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Gunju 1991 li permezz tieghu gie kjamat in kawza Farid Farhat ghan-nom u in rapprezentanza tal-Libyan Arab Foreign Investment Company bhala proprjetarja tal-Germa Palace Hotel;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fid-29 ta' Jannar 1992 minn Abdallah Abouaiski El Fergani ghan-

nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Libyan Arab Foreign Investment Company, wara li dan assuma l-atti tal-kawza fil-kwalita tieghu premessa minflok Farid Farhat li kien jinsab assenti minn Malta; li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament illi ma tezisti ebda socjeta` bl-isem ta' "Libyan Arab Oil Investment Company";

2. Ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti l-azzjoni ta' l-attur *nomine* fil-konfront ta' l-esponenti *nomine* hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16);

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti ma jeziti ebda rapport guridiku bejn l-esponenti *nomine* u l-attur *nomine*;

4. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti *nomine* kien ikkuntratta ma' Pantalesco Limited bi prezz stipulat liema prezz thallas lil Pantalesco Limited u gie accettat minnha minghajr ebda rizerva;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-imsemmi Abdallah Abouaiski El Fergani f' isem is-socjeta` kjamata in kawza u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-verbal ta' l-20 ta' Frar 1992 li permezz tieghu giet ordnata l-korrezzjoni ta' l-isem tas-socjeta` kjamata fil-kawza, wara li l-istess socjeta` rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert nominat Dr. Joseph Zammit McKeon li tinsab a fol. 208 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2003;

Rat l-atti kollha tal-process, kompriz in-Noti rispettivi ta' kritika tal-kontendenti;

Ikkonsidrat:

Qabel xejn hemm bzonn li jigu esposti l-fatti li taw lok ghal din il-kawza:-

I. Is-socjeta` konvenuta kienet wahda mill-kuntratturi responsabbli minn certi xoghlijiet fil-lukanda Jerma Palace, fiz-zmien in kwestjoni proprjeta` tas-socjeta` kjamata fil-kawza, Libyan Arab Foreign Investment Company Limited (LAFICO). Ara xhieda ta' Mahmoud El Kebir (fol. 122);

II. Bhala parti mill-kuntratt taghha s-socjeta` konvenuta kellha tissupplixxi tankijiet ta' Liquid Petroleum Gas. Hi allura kkuntattjat lil-Korporazzjoni attrici in kwantu din, skond ix-xhud Tarcisio Mifsud (fol. 99), kellha l-monopolju ta' l-importazzjoni u fornitura ta' dawn it-tankijiet minhabba raguni ta' sikurezza;

III. Skond ix-xhud Silvio Zammit, *foreman* mal-Gas Division tal-Korporazzjoni attrici (fol. 105), kienet l-istess Korporazzjoni li wara spezzjoni ssuggeriet li kienu mehtiega zewg tankijiet ta' hames tunnellati il-wiehed;

IV. Il-Korporazzjoni attrici, fuq l-informazzjoni ottenuta minghand is-*supplier* (ara dokumenti a fol. 146 u 147), ippreparat l-istimi ghaz-zewg tankijiet, l-accessorji u l-ispiza ghat-trasport u installazzjoni;

V. Din l-istima ammontanti ghal sitt elef lira (Lm6000) giet accettata mis-socjeta` konvenuta wara l-approvazzjoni preventivament ottenuta minghand il-*cost consultants* tas-socjeta` msejha fil-kawza. Ara deposizzjoni ta' Henry Attard, *managing director* tas-socjeta` konvenuta a fol. 114. Effettivament, skond dan ix-xhud, is-socjeta` konvenuta, kif konfermat minn Tarcisio

Mifsud, *financial controller* tal-Korporazzjoni (fol. 100), ghaddiet ukoll biex hallset is-somma intiera mitluba;

VI. In konsegwenza ghal din l-accettazzjoni u hlas il-Korporazzjoni ppjazzat l-ordni mad-ditta ta’ barra Maxim s. r. l. Din pero` flok tankijiet ta’ hames tunnellati baghtitilha ohrajn ta’ zewg tunnellati. Il-Korporazzjoni ghalhekk avvicinat *supplier* iehor fl-Italja bir-rizultat li, dejjem skond ix-xhud Tarcisio Mifsud, kellha thallas aktar ghalihom (fol. 101);

VII. Wara li waslu t-tankijiet gie installat wiehed minnhom peress illi ma kienx ghad hemm il-platform ghall-iehor. Effettwata din l-installazzjoni ta’ tank wiehed l-Enemalta baghtet *cheque* lis-socjeta` konvenuta fl-ammont ta’ tmien mija u erbghin lira (Lm840) korrispondenti ghad-differenza bejn il-kont ta’ dan it-tank (Lm5160) u l-inizzjali somma mhallsa mis-socjeta` konvenuta (Lm6000). Dejjem skond ix-xhud Tarcisio Mifsud it-tieni tank ma kellux jitwahhal qabel ma s-socjeta` konvenuta thallas il-korrispettiv tieghu (Lm4657.50);

VIII. Gara pero` illi t-tieni tank xorta wahda gie installat ghaliex skond ix-xhud Edwin Cilia kien hemm malintiz bejnu u Tarcisio Mifsud u hu ma fehemx li kien hemm problema dwar differenza fil-prezzijiet jew li t-tank ma ghandux jitwahhal qabel ma jsir il-hlas. Ara deposizzjoni ta’ dan ix-xhud a fol. 112 u 113;

IX. L-Enemalta kompliet tinsisti ghal hlas tad-differenza pero` s-socjeta` konvenuta, wara konsultazzjoni mal-kommittenti taghha, is-socjeta` imsejha fil-proceduri, ma accettatx it-talba tal-Korporazzjoni salv ghas-somma ta’ tmien mija u erbghin lira (Lm840) li kienet rifuza lilha. Ara xhieda ta’ Henry Attard (fol. 116) u ta’ Tarcisio Mifsud (fol. 104 u fol. 110);

X. Skond il-Korporazzjoni attrici, “*error was not caused by the Corporation in giving a wrong estimate but rather through unfortunate events from our suppliers*” (ara ittra tad-29 ta’ Marzu 1984 a fol. 164). Ir-rejazzjoni tas-socjeta` konvenuta hi spjegata fis-sens li “*all along we*

*were discussing the supply and installation of two five ton tanks. It was on this basis and on your accepted quotation that we negotiated with our clients*" (ara ittra datata 28 ta' Mejju 1984 a fol. 154);

Mill-premessi fatti ma jidherx li jista' jkun dubitat illi bejn il-kontendenti kien hemm ftehim vinkolanti, kif definit fl-Artikolu 960 tal-Kodici Civili. Ftehim li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici obbligat ruhha li tforni lis-socjeta` konvenuta zewg tankijiet ta' hames tunnellati il-wiehed versu l-prezz pattwit u effettivament imhallas ukoll;

Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna dejjem saret distinzjoni bejn il-kuntratti definittivi u l-kuntratti preliminari, jew il-promessa. (Ara **Kollez. Vol. XXX P I p 40**). Fil-kaz in ezami si trattava ta' kuntratt definittiv;

Dan il-hsieb hu bazat fuq ir-raguni logika-guridika illi l-partijiet kontraenti lahqu qbil fuq il-kontenut shih ta' l-elementi tieghu. Kien hemm proposta li tat inizzjattiva ghall-konkluzjoni tal-ftehim u kien hemm accettazzjoni kostitwenti adezjoni mal-kontenut tal-proposta. Il-karattru negozjali unilaterali tal-proposta kombinat mal-manifestazzjoni tal-volonta` ta' l-accettazzjoni ghaqqdu u kkonkludew dan il-ftehim. Dan jinsab konkordament stabbilit u accertat fil-kaz in diskussjoni. Il-Korporazzjoni pproponiet it-tip ta' tankijiet li kienu mehtiega, ghamlet l-istima taghha notifikata lill-kontro-parti, li accettat, ippjazzat l-ordni u hallset. Ma jirrizultax illi bejn il-kontraenti saru xi kondizzjonijiet jew rizervi u ghalhekk l-ebda parti ma setghet wahedha tiddetermina, kif jaqblilha, partijiet tal-kontenut kontrattwali. Sewwa allura nghad mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu illi "ghab-bazi tal-principju '*pacta sunt servanda'* il-Korporazzjoni attrici kienet obbligata taghti konsenja ta' dak li kienet ftehmet dwaru mas-socjeta` konvenuta ghall-prezz pattwit." (Ara para. 52 tar-rapport);

Egwal sahha rafforzata tinghata lil din il-konsiderazzjoni mill-precetti tal-ligi a norma ta’ l-Artikoli 992 (1) u 993 tal-Kodici Civili. Dan fis-sens illi l-kuntratt hu ligi ghal dawk li jkunu ghamluh u allura dan ghandu jigi ezegwit bil-bona fidi. Taht l-ewwel espressjoni, in linea ta’ prinicpju s-sinjifikat tal-kuncett hu dak tan-non-modifikabilita` ta’ l-obbligazzjoni ta’ l-adempiment permezz tal-volonta` unilaterali. Fil-kaz tat-tieni, konsiderata f’ sens oggettiv, din ghandha titqies bhala regola ta’ mgieba li trid tigi osservata mill-kontraenti. Dan mhux biss fil-fazi *in contrahendo* fil-kors tan-negozjati izda wkoll, u fuq kollox, fil-konkluzjoni, u ezekuzzjoni, tal-ftehim kontrattat. Sinifikattivi hafna huma d-dmirijiet ta’ l-informazzjoni u tal-kjarezza u d-dover tal-kompiment ta’ l-atti kollha necessarji ghall-effikacja tal-kuntratt u ri-entranti fir-regola tal-lealta` u tal-korrettezza;

Minn dan huwa lecitu li jinghad li l-Korporazzjoni attrici ma setghetx tarbitra hi dwar il-prezz, b’ dannu ghall-kontro-parti. Il-prezz pattwit ma setax jigi ritokkat fuq il-konsiderazzjoni tal-varjazzjoni tieghu ghas-semplici raguni li l-Korporazzjoni ddecediet li ggib it-tankijiet minn sorsi ohra li kkwotawlha u talbuha prezz differenti minn dak ta’ l-ewwel ditta. U allura dik il-varjazzjoni ma setghetx tigi applikata bhala xi kriterju gdid tal-prezz, gja stabbilit u maqbul bejn il-partijiet. Biex seta’ jsir dan ried ikun hemm il-kunsens *ad idem* tas-socjeta` konvenuta li baqa’ ma nghatax u, anzi, gie oppost;

Gjaladarba hawn si tratta predominantement ta’ bejgh taz-zewg tankijiet hi norma tal-ligi fl-istitut tal-bejgh illi “il-prezz ghandu jigi stabbilit u specifikat mill-partijiet” [Artikolu 1353 (1), Kodici Civili]. Dan hu dak li sehh fil-kaz in ispecje bejn il-partijiet fejn il-prezz kien iffissat u maqbul fis-somma ta’ sitt elef lira. Is-socjeta` konvenuta ppjazzat l-ordni wara li kienet taf dan il-prezz, tant li anke ghaddiet biex thallsu;

A propozitu gie deciz fil-kawza fl-ismijiet “**Edgar Soler *nomine et* -vs- Onor. Beltram Camilleri *nomine***”, Qorti Civili, Prim' Awla, 18 ta’ Marzu 1950 - fejn, incidentalment ukoll, l-atturi ppretendew zieda fil-prezz tal-halib minn dak iffissat fl-avviz ghal fornitura - illi “r-rizoluzzjonijiet unilaterali da parte taghhom ma jistghux ikollhom l-effett li jbiddlu l-prezz. Il-prezz aktar gholi ezatt mill-atturi, u l-kundizzjonijiet minnhom maghmulin, u d-decizjonijiet minnhom mehuda fl-imsemmija rizoluzzjoni u protest taghhom, ma gewx accettati mill-Gvern; u dan kwindi mhux marbut bihom, il-ghaliex, lanqas ma hemm bzonn li wiehed jghidu, prezz gdid u kondizzjonijiet godda ghandhom jigu stabbiliti bi ftehim, u certament ma jistax ikun hemm ftehim meta wahda mill-partijiet ma taccettahomx.” (**Kollez. Vol. XXXVIII P II p 525**);

Fil-hsieb tal-Qorti l-gudikant ma jistax joffri soluzzjonijiet li ma humiex koerenti mal-kuntratt jew li jbiddel il-kontenut tieghu u jimmodifika l-prezz ghax dan jidher inekwu. Kif inghad ukoll fis-sentenza appena accennata, “il-Qorti lanqas ma tista’ tindahal biex tiffissa hija prezz gust fil-kaz li dak miftiehem mhux gust; ghaliex il-Qorti ma tistax tbiddel il-prezz miftiehem mill-partijiet u minnhom stabbilit u specifikat.”;

Fic-cirkostanzi l-Qorti tista’ biss tikkondividi l-fehma tal-perit legali illi l-Korporazzjoni attrici ma ghandhiex jedd ghas-somma minnha reklamata izda biss li tigi versata l-ammont ta’ tmien mija u erbghin lira (Lm840) li l-istess socjeta` konvenuta tirrikonoxxi li ghadu dovut minnha. Ara xhieda ta’ Tarcisio Mifsud (fol. 104). Huwa xieraq illi gjaladarba dan l-ammont ma giex depozitat jithallsu wkoll l-interessi;

Kwantu ghal posizzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza rrizulta ben car mill-provi illi din is-socjeta` ma involvietx ruhha fil-kontrattazzjoni bejn is-socjeta` konvenuta u l-Korporazzjoni attrici. Ara xhieda ta’ Abdallah El-Eugani (fol. 124) u Farag Elgheriani (fol. 128). Il-Qorti ghalhekk

tikkonkorda mal-perit legali li din is-socjeta` ghandha tigi liberata *ab observantia*.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba tal-Korporazzjoni attrici limitatament ghas-somma ta’ tmien mija u erbghin lira Maltija (Lm840) u teskludi lill-istess Korporazzjoni ghall-bqija tas-somma domandata ghall-fornitura ta’ zewg tankijiet ta’ hames tunnellati il-wiehed. Fuq din is-somma jiddekorru l-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni;

Is-socjeta` kjamata fil-kawza qed tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;

L-ispejjez guddizzjarji jibqghu interament a kariku tal-Korporazzjoni attrici billi in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti din ma kellhiex ragun fil-pretensjoni centrali taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------